

## Mill-Arkivju tal-Katidral u l-Arkivju Nazzjonali...

# 'Per concursum' f'Ħaż-Żebbuġ

Noel D'Anastas



Fl-24 Sessjoni f'Kapitlu 18, il-Konċilju ta' Trentu ried li meta ikun hemm post vakant ta' kurat f'parroċċa, kellu jinħareġ editt mill-Isqof biex issejjaħ għall-kandidati prospettivi biex jimlew dan il-post battal. L-Isqof flimkien mat-tliet membri eżaminaturi tas-Sinodu kellhom jeżaminaw il-kwalitajiet personali u l-għerf teoloġiku tal-kandidati rispettivi u jagħżlu l-aħjar wieħed fil-fehma tagħhom. F'Malta u f'pajjiżi oħra bdiet tkun magħrufa bħala 'per concursum'.

Il-viżitatur Apostoliku Mons. Pietru Dusina fl-1574 fiż-żjarat li kellu mal-kurati staqsihom jekk l-għażla tagħhom kinitx osservata skont id-digriet Tridentin. Fis-9 ta' Frar 1575, Dun Federico Attard, kappillan ta' Ħaż-Żebbuġ kien informa lil Dusina li ħames snin qabel ħa l-pussess kien ġie eżaminat mill-Vigarju Ġenerali u minn Teologu Dumnikan.

Mons. Dusina ried jaċċerta x-xewqat tal-Konċilju li jinżammu fil-prattika fejn l-ebda qassis ma jsir kurat jew kappillan jekk mhux b'għażla skont il-ħiliet u l-eżami. Mons. Dusina ma kienx għażel xi eżaminaturi djoċesani għax skont id-digriet Tridentin din kienet tikkonċerna lil Isqof u s-Sinodu Djoċesan. Bil-kostituzzjoni tas-Sinodu Djoċesan tal-1591, kienu intgħażlu sitt eżaminaturi prominenti minn fost il-kleru Malti. Fl-ewwel vista pastorali li kien għamel l-Isqof Baltassare Cagliares, fil-laqgħat li kellu mal-kappillani ta' djoċesi tagħna joħroġ tagħrif interessanti.

Jidher li fid-29 ta' Novembru 1616, Dun Filippo Borg, il-kappillan ta' Birkirkara wera l-bulla, iddatata 7 ta' Frar 1594 fejn il-parroċċa kienet mgħoddija lilu 'ad rigorem examinis'. Il-kappillan ta' Ħal-Tarxien kien qal li ħa l-uffiċċju pastorali mill-Isqof Gargallo 'ad rigorem examinis'. Ir-risposti li l-Isqof Cagliares kien ħa mingħand il-kappilani l-oħra jirriżulta li dawn ħadu l-uffiċju tagħhom permess tal-regola ġenerali, dik tal-'concursus'.

Matul is-snin ta' wara, is-Sinodu Djocesan kompla jappunta u jippubblika lista ta' eżaminaturi djoċesani, tant li fl-1620 kien hemm għaxar eżaminaturi, fis-sena ta' wara n-numru tal-eżaminaturi kien ta' sittax u fl-1629 kien ta' tlettax.

Studju intensiv fuq ir-Riforma tal-Kunsill ta' Trentu f'Malta u Għawdex kien inżamm minn Dun Anthony Joseph Borg għat-teżi tad-dottorat fid-Divinita, ippreżentata lil Fakulta tat-Teoloġija fl-Università Irjali ta' Malta fl-1975. Il-Mons. Prof. Vincent Borg qed jippubblika xogħol meravilju dwar il-kleru f'Malta fis-serje ta' kotba bit-titlu 'Melita Sacra'.

Propju t-tieni volum ta' din is-serje li nħareġ lejn tmiem is-sena l-oħra jittratta fuq id-djoċesi Maltija fis-seklu sittax inkluż r-riformi li nżammu, l-edukazzjoni fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti, ir-rapport ta' Dusina, l-entitajiet ekkleżjastiċi u l-iżvilupp tal-kult lejn il-qaddisin.

## 'Concorsus' fl-Arkivju tal-Katidral

Fl-Arkivju tal-Katidral fl-Imdina hemm serje ta' rekords li fihom hemm iddokumentat l-applikazzjoni u l-eżami li dawk il-qassisin jew kappillani ta' rħula oħra jkunu għamlu biex jieħdu l-post vakant ta' parrokku f'dik il-parroċċa partikolari.



*Concursus 1704 – Dun Gio. Paolo Attard jinħatar kappillan f'Ħaż-Żebbuġ*

Is-serje kollha tal-'Concursus' li hemm arkivjat fl-Arkivju tal-Katidral fl-Imdina tħaddan 36 volum ta' faxxikli. Dak għall-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ huwa l-volum 30 li jvarja għas-snin bejn l-1636 u l-1904. Jinkludi fih 65 faxxiklu f'total ta' 681 folja ta' qies 30 ċentimetru b'21 ċentimetru. Ir-rekords tal-'Concorsus' għal dan ir-raħal bħal ta' rħula oħrajn mhumiex kompluti tant li għall-ħatra ta' kappillan għas-snin ta' qabel l-1636 ma nstagħbux jew il-proċess kien għadu ma bediex jinżamm skont in-normi msemmija hawn fuq.

Il-'Concorsus' għas-snin 1637 meta ġie elett Don Salvatore Muscat, 1673 meta kien elett Don Stefano Facciola, 1741 meta ħa l-pussess Don Giuseppe Marco Azzopardi, u dik tal-1762 meta kien ġie elett Don Felice Borg huma x'aktarx mitlufa jew li ma waslux fl-Arkivju tal-Katidral. Dawn id-dokumenti miktuba bil-Latin u t-Taljan kienu nġabru mill-Kurja tal-Isqof fil-Belt u ttieħdu fil-Mużew tal-Katidral fejn f'dak iż-żmien fl-istess binja kien hemm ukoll l-Arkivju tal-Katidral. Fuq dawn id-dokumenti kien sar xogħol ta' tindif, arranġamenti, enumerazzjoni tal-folji, katalgu u indiċi fil-proċess li dawn id-dokumenti jiġu mikrofilmjati minn Hill Museum Manuscript Library ta' St. John's University ta' Minessota.

## L-Approvazzjoni mill-Gvernatur

Għal dawk li jridu jirriċerkaw l-iżvilupp ekkleżjastiku f'Malta matul is-seklu dsatax u wara, fl-Arkivju Nazzjonali f'Santo Spirtu fir-Rabat insibu żewġ sub-serje interessanti, tlett volumi b'kollox li jaqgħu taħt is-serje tal-CSG.

Is-sub-serje *CSG 09* tinkludi żewġ volumi li jkoppru ittri ekkleżjastiċi li nżammu bejn

it-2 ta' Mejju 1815 u l-20 ta' Diċembru 1852. Dawn iż-żewġ volumi jiġbru kopji ta' ittri mibgħuta mis-Segretarju tal-Istat għall-Kolonji *(CSG)* kif ukoll mill-Gvernatur innifsu lil Isqof ta' Malta, is-Segretarju Kardinali tal-Istat lill-Vatikan, lil Kanonċi tal-Katidral fl-Imdina, lis-Superjuri tal-Ordnijiet Reliġjużi, lir-Rettur tal-Grotta ta' San Pawl fir-Rabat kif ukoll lil individwi ekkleżjastiċi.

Il-maġġoranza ta' dawn l-ittri huma miktuba bit-Taljan. Jirriżulta wkoll li xi ittri antiki ta' żmien Maitland kienu miktuba f'Korfu. Il-korrispondenza tittratta materji ta' politika bejn l-Istat u l-Knisja f'Malta, liema dokumentazzjoni tara fiha l-appuntamenti ta' Isqfijiet u dinjitarji ekkleżjastiċi fosthom kappillani ta' bliet u rħula f'Malta u Għawdex kif ukoll dawk tal-kanonċi tal-Katidral. F'dawn iż-żewġ volumi hemm ukoll il-bdil tal-artijiet bejn il-Knisja u l-Gvern Ċivili; il-ħarsien u l-immaniġġjar tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt u l-immaniġġjar ta' kappelli u ċimiterji. Fihom ukoll materji relatati mat-twaqqif ta' knejjes parrokjali ta' dan il-perjodu kif ukoll l-appuntamenti lill-kleru għall-priedki ta' żmien ir-Randan u materji oħra simili.


Valletta 3rd January 1863
His Excellency the Governor is pleased to approve of the appointment of the Revd Don Francesco Borg as Archpriest of the Parish Church of the Città Rohan —
By order
(Signed) Victor Houlton
Chief Secretary to Govt

*L-Approvazzjoni mill-Gvernatur ta' Don Francesco Borg bħala Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ, 1863 (bil-kortesija tal-Arkivju Nazzjonali ta' Malta).*

L-ittri ekkleżjastiċi mis-Segretarju tal-Istat tal-Kolonji ta' wara l-20 ta' Diċembru 1852 jinsabu fis-sub-serje msejjħa '*General Letter Book*' *(CSG 04)*. Korrispondenza oħra mibgħuta lill-membri ta' knejjes oħra mhux lil dik tal-Knisja Kattolika jinsabu miġbura fis-sub-serje 'Individual Letter Book' *(CSG 05)*. Iż-żewġ volumi kienu nġiebu mil-Librerija Nazzjonali ta' Malta.

Sub-serje oħra *(CSG 10)* hija reġistru ta' ekkleżjastiċi appuntati fl-uffiċċji rispettivi f'dak li seħħ bejn it-22 ta' Frar 1839 u t-12 t'Ottubru 1888, Din is-sub-serje hija iffurmata minn volum wieħed. Fit-12 ta' Jannar 1838 kienet inżammet ordinanza mill-Gvernatur fil-Kunsill biex ikun dikjarat il-ħatriet tad-dinjitarji ekkleżjastiċi fl-uffiċċju tagħhom u l-benefiċċji mill-qawwiet barranin (Proklamazzjoni Nru.1 tal-1838).

Ir-reġistru jiġbor petizzjonijiet lill-Gvernatur mill-kappillani prospettivi, kanonċi ta' bosta kolleġġjati, provinċjali ta' kunventi u dinjitarji ekkleżjastiċi oħra li jitolbu l-approvazzjoni tal-Gvernatur għall-ħatra tagħhom.



*Reġistru ta' ħatriet fl-uffiċċju ekklesjastiku li jinsab fl-Arkivju Nazzjonali ta' Malta. (Bil-kortesija tal-Arkivju Nazzjonali ta' Malta).*

**Għal benefiċċju tal-istudjużi u r-riċerkaturi tal-istorja ekkleżjastika Maltija b'riferenza għal Ħaż-Żebbuġ qed inġib hawn taħt indiċi tal-applikanti għall-post battal ta' kurat, kappilan jew arċipriet f'Ħaż-Żebbuġ bejn l-1636 u l-1904, liema dokumentazzjoni tinsab miftuħa għar-riċerka fl-Arkivju tal-Katidral fl-Imdina. Għar-riferenza, il-volum huwa *Curiae Episcopalis Melitensis* (CEM) Con 30.**

## Folji (Ff). 1-4, Item 1 — 17 ta' Settembru, 1636

**Saċerdot. Francesco Surdo (Valletta)**, Saċ. Diego Vella JUD (Valletta), Saċ. Gio. Batta Zarb (Ħal-Balzan), Saċ. Francesco Haxiac JUD (Bormla), Saċ. Andrea Galea STD. [5 applikanti]

## Ff. 5-9, Item 2 — 30 ta' Diċembru, 1673

Saċ. Bernardo Dingli (H'Attard), Saċ. Paolo Caruagna JUD (Parroku tar-Rabat, Għawdex), Saċ. Giuseppe Demodica STD (Valletta), Saċ. Francesco Ignatio Vella JUD (Valletta), Saċ. Consalvo Dimegh STD (Ħaż-Żebbuġ), Saċ. Domenico Mifsud JUD (Ħal-Għargħur), Saċ. Francesco Montalto STD (Valletta), Saċ. Francesco Gatt STD (Parroku ta' Birmiftuħ), Saċ. Giacobo Micallef STD (Bormla), **Saċ. Domenico Pace JUD (Vittoriosa)**, Saċ. Francesco Depena JUD (Isla), Saċ. Michele Testaferrata (Isla), Saċ. Giovanni Muscat (Curmi), Saċ. Bernardo Azzuppardo JUD (Ħaż-Żebbuġ), Saċ. Salvo Pace STD (Siġġiewi). [15 l-applikant]

## Ff. 10-19, Item 3 — 10 ta' Diċembru, 1687

Saċ. Enrico Cuscheri, **Saċ. Giovanni Maria Barbara (Parroku ta' Bormla)**, Saċ. Ignatio Francesco Magri STD (Valletta), Saċ. Gio. Battaa Xicluna (Isla, Viċi Parroku tar-Rabat), Saċ. Michele Brancato STD (Mqabba), Saċ. Gabriele Rispoli STD (Bormla), Saċ. Carlo Haxisa STD, JUD (Ħal-Qormi, Viċi Parroku ta' Ħaż-Żebbuġ), Saċ. Cosma Zarb ST, JUD (Naxxar), Saċ. Paolo Lamagna (Isla, Viċi Parroku ta' San Ġorġ, Rabat, Għawdex), Saċ. Lorenzo Habela (Mosta), Saċ. Giuseppe Pisano ST, JUD (H'Attard), Saċ. Gregorio Gatt JUD (Birkirkara). [12 l-applikant]

## Ff. 20-33, Item 4 — 7 ta' Novembru, 1704

Saċ. Alessandro Fiteni STD (Bormla, Parroku ta' H'Attard), Saċ. Licinio Gaetano Vitale (Valletta), Saċ. Giovanni Paolo Attard STD (Ħaż-Żebbuġ), Saċ. Giuseppe Tabone (Isla), Saċ. Antonio Gafa (Bormla), Saċ. Gioavnni Crisostomo Crispo ST, JUD (Valletta), **Saċ. Giovanni Battista Sagnani STD (Valletta)**, Saċ. Eugenio Busuttil (Mosta, Viċi Parroku ta' Isla), Saċ. Pietro Zirafa STD (Bormla, Viċi Parroku tal-Qrendi), Saċ. Silvio Pace STD (Siġġiewi, Viċi Parroku tar-Rabat), Saċ. Oratio Borg STD (Birkirkara), Saċ. Giovanni Paolo Zammit (Bormla), Saċ. Andrea Barbara (Ħal-Tarxien). [13 applikanti]

## Ff. 34-141, Items 5-15 — 1 ta' Ottubru, 1800

Saċ. Bartolomeo Caraffa (Parroku tal-Imqabba), Saċ. Giuseppe Formosa (Parroku ta' Had-Dingli), Saċ. Antonio Cilia (Parroku ta' Hal-Lija), **Saċ. Tomaso Scicluna (Parroku ta' Ħal-Luqa)**, Saċ. Gaetano Buttigieg (Valletta), Saċ. Giuseppe Gaetano Psayla (Viċi Parroku ta' Ħaż-Żebbuġ), Saċ. Gaetano Fenech (Valletta), Saċ. Bartolomeo Sant JUD (Ħal-Għargħur), Saċ. Antonio Caruana (Siġġiewi), Saċ. Francesco Agius (Valletta), Saċ. Pietro Farrugia (Valletta). [11 l-applikant]

## Ff. 152-241, Item 16 — 17 ta' Jannar, 1832

Saċ. Vincenzo Mariani JUD (Valletta), **Saċ. Francesco Saverio Vassallo SThD (Parroku ta' Ħal-Għaxaq)**, Saċ. Aloisio Fernandes JUD (Isla), Saċ. Gio. Batta Zammit (Vittoriosa, Viċi Kurat tal-Qrendi), Saċ. Salvatore Schembri (Parroku ta' Hal-Safi), Saċ. Carlo Aquilina (Viċi Parroku ta' Bormla), Saċ. Nicola Camilleri (Parroku ta'Had-Dingli), Saċ. Michele Buttigieg (Parroku tax-Xagħra, Għawdex), Saċ. Tomaso Abela (Viċi Parroku ta' Ħaż-Żebbuġ), Saċ. Salvatore Zammit JUD (Parroku ta' H'Attard), Saċ. Giuseppe Hili (Xagħra, Għawdex). [11 l-applikant]

## Ff. 242-340, Items 17-33 — 7 ta' Marzu, 1854

Saċ. Giovanni Caruana (Parroku ta' Ħal-Safi), Saċ. Pietro Bartolo (Ħal-Għargħur), Saċ. Felice Magri (Ħaż-Żabbar), Saċ. Michele Abela SThD (Żejtun), Saċ. Paolo Licinio Micallef (Valletta), Saċ. Antonio Caruana Tabone (Valletta), Djaknu Paolo Vella SThD (Valletta), **Saċ. Tomaso Naudi SThD (Parroku ta' Ħal-Għaxaq)**, Saċ. Gio. Batta Grech (Għawdex), Saċ. Giuseppe Vella (Naxxar, Viċi Kurat ta' Żurrieq), Saċ. Pietro Cassar (Ħal-Luqa), Kan. Lorenzo Frenco Rossi (Isla), Saċ. Giuseppe Hili (Parroku taż-Żebbuġ, Għawdex), Saċ. Antonio Mallia (Birkirkara, Viċi Parroku tar-Rabat).

[14 l-applikant]

## Ff. 341-405, Items 34-44 — 3 ta' Ottubru, 1862

Saċ. Giovanni Maria Tabone (Ħaż-Żebbuġ), Saċ. Francesco Vella (Żurrieq), Saċ. Vincenzo Schembri (Parroku tal-Imqabba), Saċ. Paolo Vella SThD (Valletta), Saċ. Giovanni Ebejer (Ħal-Balzan), Saċ. Lorenzo Zammit SThD, Saċ. Giuseppe Mercieca SThD (Bormla), Saċ. Giovanni Andrea Vella (Nadur, Għawdex), Saċ. Giovanni Camilleri (Nadur, Għawdex), Saċ. Michele Angelo Refalo (Għawdex), **Saċ. Francesco Borg (Parroku tas-Sannat, Għawdex)**, Saċ. Pietro Bartolo (Parroku tax-Xewkija, Għawdex). [12 l-applikant]

## Ff. 406-446, Items 45-52 — 20 ta' Mejju, 1864

Saċ. Gio. Maria Tabone (Parroku ta' Ħaż-Żebbuġ), Saċ. Giovanni Ebejer (Ħal-Balzan), Saċ. Giuseppe Mercieca SThD (Bormla), Saċ. Teodoro Galea SThD (Siġġiewi), **Saċ. Pietro Bartolo (Parroku tax-Xewkija, Għawdex)**, Saċ. Giovanni Micallef (Ħal-Għargħur), Saċ. Giuseppe Micallef (Ħal-Għargħur). [7 applikanti]

## Ff. 447-493, Items 53-63 — 5 ta'April, 1887

**Saċ. Giuseppe Tagliaferro (Parroku ta' Ħal-Luqa)**, Saċ. Francesco Ferris SThD (Birkirkara), Saċ. Pietro Paolo Borg (Birgu), Saċ. Francesco Muscat (Gudja, jgħix f'Ħal-Lija), Saċ. Carmelo Azzopardi SThD (Parroku tal-Qrendi), Saċ. Giovanni Sultana (Viċi Parroku taż-Żurrieq), Saċ. Francesco Bugeja (Rabat). [7 applikanti]

## Ff. 494-607, Item 64 — 12 ta' Marzu, 1891

Saċ. Pietro Paolo Charbon (Birkirkara), Saċ. Alfonso Caruana (Mqabba), Saċ. Alberto Dalli (Gudja), Saċ. Francesco Muscat (Gudja, jgħix f'Ħal-Lija), Saċ. Giuseppe Gaudenzio Tabone (Ħaż-Żebbuġ), Saċ. Vincenzo Vella (Mdina), Saċ. Giovanni Sultana (Viċi Parroku ta' Żurrieq), Saċ. Giovanni Sarreo (Valletta, Parroku ta' Ħal-Balzan), Saċ. Sancto Agius (Ħal-Qormi), **Saċ. Aloisio Attard (Valletta)**, Saċ. Giseppe Muscxat Gauci (Rabat), Saċ. Pietro Paolo Borg (Parroku ta' Ħal-Għaxaq), Saċ. Giuseppe Muscat Vassallo. [13 l-applikant]

## Marzu 1888 — [Mhux f'posthom]

| | | |
|---|---|---|
| ff. 579-581, Item | Saċ. Francesco Farrugia | (Viċi Kappillan ta' Ħal-Tarxen) |
| ff. 582-586, Item | Saċ. Gio. Batta Agius | (Valletta) |

## ff. 608-681, Item 65 — 20 ta' Jannar, 1904

Saċ. Giuseppe Adami (Isla), Saċ. Alfonso Tabone, Saċ. Paolo Mallia (Viċi Kurat ta' San Pawl Nawfragu, Valletta), **Saċ. Alberto Dalli (Gudja, Parroku ta' Asciak)**, Saċ. Alfonso Maria Gauci (Bormla), Saċ. Giuseppe Rossi SThD, Kan. Carmelo Bugelli Kan. Giovanni De Domenico (Għawdex), Saċ. Giuliano Zammit (Viċi Kurat ta' San Ġiljan). [9 applikanti]

*Ħajr: Arkivju Nazzjonali ta' Malta; Arkivju tal-Katidral, Imdina; Mons. Ġwann Azzopardi, Charles Farrugia Arkivista Nazzjonali, Mario Gauci. Ritratti meħuda minn Joseph Amodio b'kortesija tal-Arkivju Nazzjonali.*